Għajnsielem

**MINUTI – LAGĦQAT TAL-KUNSILL**
**IS-SEBA` KUNSILL**
**SEDUTA NRU. 5 – L-ERBGĦA 5 TA' Lulju 2012**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fis-4.00 pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Francis Cauchi | Sindku |
| | Is-Sur Franco Ciangura | Viċi Sindku |
| | Stephen Mercieca | Kunsillier |
| | Larry Buttigieg | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Amanda Cauchi | Segretarju Eżekuttiv |

1. **Introduzzjoni mis-Sindku**

   Is-Sindku ta bidu għal-lagħqa.

2. **Korrezzjoni u approvazzjoni tal-Minuti**

   Wara konsiderazzjoni tal-minuti, dawn ġew approvati kif preżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

3. **Korrispondenza u Komunikazzjoni mis-Sindku**

   - Lagħqa mas-surmast tal-Iskola tal-Arti, is-Sur Joseph Attard u s-sur Paul Stellini rigward l-esibizzjoni tal-arti f'Tolfa mill-1 sa 6 t'Awwissu li ser tittellgħa b'kollaborazzjoni mal-Kunsill Lokali Għajnsielem. Is-Sindku qal li s-surmast se jagħti donazzjoni lill-Kunsill set t'inċizjonijiet b'veduti tar-raħal li jinħadmu f'iskola tal-Arti b'turija ta' solidarjeta f' din il-kollaborazzjoni. Dawn ikunu jistgħu jingħataw bħala tifkira lil xi mistednin. Il-Kunsill approva li Franco Ciangura u Larry Buttigieg jakkompanjaw din id-delegazzjoni ġewwa Tolfa.
   - Għajn tal-Hasselin – saret korrispondenza bejn is-SCH u l-perit Scerri, fejn is-SCH ma qablux ma xi aspetti tas-*survey* li sar u għalhekk ser issir lagħqa fuq il-post il-Gimgħa 6 ta' Lulju biex jingħataw dettalji aktar. Għal din il-lagħqa ser jattendu l-perit Scerri, surveyor Mercieca, l-Arkeologista Amanda Gustafsson, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.
   - Lagħqa mal-MEUSAC – is-Sindku u Segretarju Eżekuttiv attendew għal-lagħqa ma' Alison Camilleri fi ħdan il-Meusac. Is-Segretarju Eżekuttiv espremit l-punti mqajma fl-aħħar lagħqa rigward fondi tal-UE Is-Sjr. Camilleri ħadet nota ta' dawn il-punti biex jekk ikun hemm xi programm li jgħodd għal-dan il-Kunsill, hija tinfurmana.
   - Ittra min Avv. Charles Galea – rigward permess mal-Mepa fuq estenzjoni tal-Farm tal-Baqar fit-Triq Cordina. L-avukat Galea, f'isem ir-residenti ta' Triq Cordina, qiegħed

joġġezzjona għal l-għotja ta' permess ta' din l-estenzjoni. Is-Sindku qara din l-ittra lill-preżenti fejn ma qabilx mal-parti li kienet tgħid li l-Kunsill qatt ma ħa azzjoni fuq din il-Farm li nbniet bla permess. Fil-fatt, is-Sindku qal, li kien il-Kunsill li kiteb li kien hemm irregolaritajiet fuq dan is-sit wara li kien hemm ilmenti min-nies tan-naħat. Is-Sindku qal li wara dan, il-MEPA ħarġet *Enforcement Notice* lis-sid. Is-Sindku qal li din l-ittra kellha tiġi ndirizzata lill-MEPA u kopja lill-Kunsill. Hu kompla jgħid li l-avv. Georgine Schembri irrispondiet din l-ittra fejn din ir-risposta nqrat mis-Sindku. Is-Sindku kompla jgħid li l-Kunsill oġġezzjona rigward dan il-permess mal-MEPA, fejn qara lill-preżenti l-kummenti tal-oġġezzjoni tal-Kunsill li ntbagħtu lill-MEPA.

- Firmar tal-Kuntratt tal-fondi mill-iskema ta' Eko Ghawdex – 26 ta' Gunju, 2012. Is-somma ta' 30% ser tiġi mogħtija lill-Kunsill fil-ġimgħat li ġejjin.
- Ittra minghand Tarċisio Azzopardi fejn qed jilmenta li qed jidħol id-drenaġġ f'garage tal-blokk tal-flats tiegħu fit-Triq Wied ir-Rajjes. Dan l-ilment ġara ukoll eżatt sena ilu, fejn milli jidher mhux każ li jinvolvi lill-Kunsill. Is-Sindku qal li huwa rrapporta mat-taqsima tad-drenaġġ biex jiċċekjaw hemmx xi ħsara fil-vicinanzi, iżda deher li ma kienx hemm ħsarat. Is-Sindku qal li kien ser jirraporta wkoll lid-Dipatiment tal-WSC.
- Is-Sindku stqarr li kien diżappuntat ħafna bis-servizz tal-KIP rigward il-qtugħ ta' ħaxix. Hu qal li kien kiteb e-mail lis-Sur Laurie Zammit mill-KIP u semmielu l-postijiet li ried jinqata l-ħaxix. Is-Sindku qal li wara dan il-ħaxix beda jinqata fejn dehret ftit differenza.
- E-mail mingħand ġurnalista mid-DI-VE rigward is-servizz tal-Arriva fil-lokalita', fejn is-Sindku irrisponda li l-Kunsill għadu mhux kuntent bis-servizz tal-Arriva fir-raħal. Mill-korrispondenza bejn il-Kunsill u TM jirriżulta li ser isiru xi tibdiliet f'Ottubru li ġej.
- Installazjoni ta' *speed camera* fit-Triq l-Imgarr – is-Sindku qal li avviċinaħ resident li kien kiteb lill-Prim Ministru sabiex teħel speed camera fit-Triq msemmiha biex jiġu evitati aktar inċidenti tat-traffiku. Il-Prim Ministru wieġbu li l-ewwel il-Kunsill t' Għajnsielem irid jagħmel talba lir-Reġjun t' Għawdex. Ir-resident għalhekk talab lis-Sindku biex jgħaddi din il-proposta fil-lagħqa tar-Reġjun. Is-Sindku qal li kien għamel din it-talba fl-aħħar lagħqa li kellu r-Reġjun u din ġiet approvata. Is-Segretarju Eżekuttiv tar-Reġjun ser jikteb għal talba ta' *speed camera* lill-Ministeru tat-Transport.
- Ittra mingħand Jonathan Buttiġieġ obo Cafe tal-Port, Mġarr – jitlob għal-permess biex tiġi nstallata tinda mal-faċċata tal-ħanut tiegħu. Is-Sindku kkonferma mal-MEPA li għal-tinda irid ikollok il-permess tal-MEPA. L-applikant ser jiġi nfurmat b'dan.
- Ittra minn għand is-sur Lelio Spiteri f'isem ir-Radju Lawretana – jixtiequ li tittellgħa serata amalgamata ma' Għajnsielem Fest fejn ir-radju jixtieq li jieħu sehem f'dan il-Fest f'għeluq il-ħames snin mit-twaqqif tiegħu. Waqt il-lagħqa, il-Kunsill stqarr li kieku jkun aktar xieraq li jiġi kkuntatjat is-Sur Lelio Spiteri minn Radju Lauretana biex jispjega aktar x'jixtiequ mingħand il-Kunsill. Is-SE. kkomunikat dak il-ħin stess mas-Sur Spiteri, fejn dan aċċetta li jiġi dritt l-Kunsill biex jispjega aħjar il-kontenut ta' l-ittra li kien bagħat. Hu qal li l-intenzjoni tar-Radju Lauretana hi li jerġgħa jittella' GħajnsielemFest fil-Pjazza, fejn ikun b'compare minn xi rappreżentanti minn Radju Lauretana. Waqt is-serata jintwera video ta' 10 minuti b'xi tagħrif fuq il-ħames snin mill-ftuh tar-Radju. Lelio ssuġġerixxa wkoll biex GħajnsielemFest jsir bil-palk f'nofs iż-zuntier u bin-nies fuq

is-siġġijiet fil-pjazza u li l-Kunsill ikun responsabbli li jneħħi n-nies minn fuq it-taraġ jekk ipoġġu hemm. Is-Sindku qal li hu ma kienx jaqbel ma dan għax il-Kunsill kien ser iżid aktar spejjeż ta' siġġijiet iżjed u ma jkunx xieraq li l-Kunsill jkeċċi lin-nies minn fuq iz-zuntier (taraġ). Is-sur Spiteri qal ukoll li kien ser jerġgħa jkellem lill-Arċipriet u li l-Kunsill għandu jitlob permess ghal-uzu tal-art lill-Arċipriet. Wara li s-sur Lelio Spiteri ħareġ mill-laqgħa, saret diskussjoni bejn il-preżenti u ġie deċiż li tittellgħa s-serata t'Ghajnsielem Fest b'sehem mir-Radju Lauretana, Is-Sindku għandu jkellem lill-Dun Eddie Żammit mill-Kurja biex itih parir fuq min irid joħroġ il-permess ghal-art, jekk hux mill-Arċipriet jew minn għand il-Kurja biex dan il-Fest jittellgħa fuq il-Pjazza.

- Rapport t' evalwazzjoni mingħand l-Galea Curmi - Eko Truck – il-Kunsill approva dan ir-rapport u qabel li jiġi ordnat l-EKO Truck skond it-*tender document*. Is-Sindku qal ukoll li s-surmast tal-Iskola tal-Arti aċċetta fuq talba tiegħu li dan it-*truck* jinżamm fil-*parking* tal-Iskola tal-Arti u ser jagħti kopja taċ-ċavetta tal-kanċell lill-Kunsill għal-konvenjenza.
- *Tower crane* fit-Triq Simirat – saret lagħqa fuq il-post mal-perit Curmi, il-Kuntrattur, is-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. Ġie deċiż li s-Sindku se jkellem lis-sidien tal-għelieqi tal-viċinanza tas-sit. Is-Sindku kellem lill-persuni kkoncernati fejn dawn aċċettaw l-aċċess tal-*crane* minn dawn l-għelieqi u jitpoġġa eżatt fl-għalqa ta' wara s-sit li ser jinbena. B'hekk mhux suppost li jkun hemm problemi fit-Triq Simirat tul l-iżvilupp.
- Ħareg il-numru tal-permess fuq l-uffiċċju l-antik li hu PA 1515/12.
- Bus-Stop fit-Triq Borg Għarib – il-Kunsill approva li tiġi nstallata din il-bus-stop wara l-approvazzjoni ta' TM.
- *Junction* fl-area tal-Gudja – il-perit Scerri emenda l-pjanti kif talbuh minn TM fejn il-Kunsill approva dawn il-pjanti emendati.
- Progett Measure 413.4 – *Quality of life Landscaping* – jingħataw sa massimu ta' €50, 000. Is-Sindku issuġġerixxa li ssir l-applikazjoni fuq ir-restawr u tisbiħ tal-Pjazza tad-Dehra, peress li dan l-iżvilupp m'għandux bżonn permessi tal-MEPA. Il-Kunsill qabel ma din l-idea u approva li l-applikazzjoni ssir fuq hekk.
- Ittra mill-MGOZ – bini ta' Kalendarju Kulturali – jingiebu d-dettalji mill-ghaqdiet kollha tar-rahal halli titnizzel kull attivita`.
- Memo 26/2012 – Kompetizzjoni *Car Free Day* – saret diskussjoni u ġie deċiż li ssir attivita` nhar is-16 ta' Settembru fejn tiġi amalgamata mal-*kids fair*. L-attivita tkun tikkonsisti fit-transport bil-bhejjem, użu ta' roti, mixi, sessjoni taż-Żumba, Għana u kant, u żona għat-tfal.
- Ittra mill-MEPA – *alien species* fuq Kemmuna – il-Mepa tixtieq l-għajnuna tal-Kunsill biex jeqirdu l-pjanti li qed jeqirdu l-pjanti naturali li jinsabu fuq din il-Gżira. Il-Kunsill issuġġerixxa li l-MTA tista tgħin ukoll peress li hi tagħti l-permessi neċessarji tal-Kiosks u umbrelel. Il-Kunsill lest li jofri sa €1,000 għal dan il-għan. Il-Kunsill qabel li jkellem lil manager tal-lukanda ta' Kemmuna biex jgħin fuq it-Transport. Il-Kunsill jixtieq li jinżamm aġġornatat mil-MEPA fuq dan il-proġett.
- *Bye law* rigward *camping u bbqs* fuq Kemmuna – il-Kunsill approva li jerġgħa jibda l-proċess li ssir bye law biex jiġu kkontrollati l-attivitajiet li jsiru fuq Kemuna mill-Kunsill.

- Invit mill-Kunsill ta' Tolfa biex 3 rappreżentanti mill-Kunsill jattendu għaċ-ċerimonja li ser issir fl-iffirmar ta' ġemellaġġ ġdid bejn Tolfa u belt mil-Kroazja. Dawn l-attivitajiet se jkunu bejn it-28 t'Awwissu u l-1 ta' Settembu. Il-Kunsill approva tlett membri biex jattendu għal dan il-ġemellaġġ bħala rappreżentanti ta' Għajnsielem. Aktar deċizzjonijiet jittieħdu fil-laqgħa li jmiss.
- Talba mill-Għaqda Mużikali San Ġużepp biex il-kunsill jidħol f'kollaborazzjoni biex tittella' wirja bl-aqwa xogħolijiet ta' Willie Apap u Envin Cremona fis-sala tal-Każin tal-Banda – il-Kunsill qabel li jagħmel hekk, u lest li jieħu ħsieb jipprintja l-brochers wara li jingħabu tlett kwotazzjonijiet u tintgħażel l-irħas offerta.

## 4. Pjazza Madonna ta' Loreto

Is-Sindku għadda kopja ta' l-aħħar kuntratt li kienet ippreparat l-Avukata Tatienne Cassar mill-MGOZ fl-aħħar diskussjonijiet bejn l-Arċipriet u l-Kunsill lill-Kurja. Is-Sindku qara dan l-aħħar *draft* tal-kuntratt peress li Franco Ciangura ma kienx jifforma parti mill-Kunsill preċidenti. Il-Kunsill approva l-emendi li kien għamel il-Kunsill u l-Arċipriet f'dan id-draft tal-kuntratt ħlief mal-parti li kien hemm dwar it-tindif u manutenzjoni jinqasam bejn il-Ministeru u l-Kunsill. Dan ma kienx kif miftihem għax il-ftehim kien li l-ispejjeż għandhom jinqassmu bejn il-Kunsill u l-Knisja. Is-Sindku wera l-emenda ricenti li saret fil-pjanta fejn turi l-element tal-ilma fil-parti ta'quddiem tal-pjazza. Il-Kunsill approva wkoll din l-emenda tal-pjanta. Is-Sindku qal ukoll li huwa ta kopja ta' din il-pjanta kif ukoll id-draft tal-kuntratt u fejn ma kienx qabel il-Kunsill, lill-Dun Eddie Żammit għal kummenti tal-Isqof u l-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi.

## 5. Soft ball

Larry Buttigieg qal li ż-żewġ timijiet tas-Softball, kemm tal-bniet kif ukoll tas-subien ġew mistiedna biex jingħaqdu mal-*Malta Association of Baseball and Softball (MABS)* biex jipparteċipaw fil-baseball league li ser jsir bejn Jannar u Mejju 2013. It-team tal-bniet f'Għajnsielem huwa l-unika team f'Malta u f'Għawdex, u għalhekk jista jkun li tul is-sena 2013 jkun it-team nazzjonali. Din l-istess assoċċazzjoni ser torganizza league tas-softball bejn Ottubru u Novembru 2012, fejn stiednu ukoll liż-żewġ timijiet tas-Softball. Il-logħob se jsir 3 darbiet f'Malta, u 5 oħra f'Għawdex. Larry kompla jgħid li l-ġenituri ta' dawn it-tfal se jixtru l-*gears* biex ikunu jistgħu jilgħabu bihom it-tfal waqt dan il-league, għal-prezz ta' €75 il-tifel/tifla. Apparti dan, kull ġenitur ser iħallas €25 *registration fee*. Larry emfażizza li dawn il-*gears* irid ikun fihom l-arma tal-Kunsill t'Għajnsielem peress li dan it-team ġie mwaqqaf mill-Kunsill. Larry talab lill-Kunsill għal xi forma t'għajnuna jew fit-transport għal-logħob f'Malta, jew fix-xiri ta' *gears*.

Larry kompla jgħid li fil-24 ta' Lulju ser tiġi organizzata *challenge* bejn it-timijiet tas-softball, fejn dan il-logħob se jintlagħab fil-grownd tas-Sannat. Għal din il-logħba ser jattendu xi rapreżentanti mill-MABS, fejn wara l-logħob hemm ħsieb li jsir get together għal-players.

Wara diskussjoni għal-kummenti li qal-Larry, il-Kunsill iddeċieda li n-Nursery għandha tgħaddi kopja ta' kwotazzjoni tal-*gears* bil-logo tal-Kunsill. Rigward transport, il-Kunsill għandu jitlob għajnuna mill-Ministeru ta' Dr. Chris Said u ta' Dr. Kyle Puli. Il-Kunsill talab lis-

SE biex torganizza laghqa ma' Loreto u Joseph Scicluna biex issir aktar diskussjoni fuq dan is-suġġett.

## 6. Bajja tax-Xatt l-Ahmar

Larry Buttiġieġ qal li l-bajja tnadfet mill-Beach cleaners, u tpoġġew ukoll 4 bins għal-skart ġenerali w ieħor għal-ġamar tal-bbq. Wara korrispondenza mad-Direttur fil-MGOZ Manuel Tabone, ġew installati mobile toilets f'din il-bajja għal-beneficcju ta' min juża l-bajja. Is-Sindku kompla jgħid li s-Sur Anthony Debono se jieħu ħsieb li jagħmel kull ma hemm bżonn biex jitnaqqas il-periklu mit-Triq il-Fugass, fosthom li jsiru xi *grooves* fil-konkos tat-Triq. Larry issġġerixxa li tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lill-Manuel Tabone u lill-Anthony Debono mic-CMU.

Tindif fix-Xatt l-Ahmar min-Nursery – Larry issuġġerixxa li għal din l-attivita, li ser issir is-Sibt 7 ta' Lulju, tiġi nstallata tinda ta' kulur aħdar u jinxtraw ingwanti addatati għas-sigurta tat-tfal. Il-Kunsill approva li dawn jinxtraw. Larry kompla jgħid li l-beach cleaners se jiprovdu l-għodda għal dan it-tindif, fejn qal li xieraq tintbagħat ittra ta' ringrazzjament lid-Dipartiment tat-Turiżmu. Franco Ciangura qal li huwa pprova jdaħħal il-kuncett ta' *healthy eating* waqt din l-attivita u pprova jġib *sponsor* min Frott artna, izda ma rnexxietx. Franco kompla jgħid li Frott artna offriet kull servizz lill-Kunsill fil-futur.

## 7. Attiva ħarġa għal-Malta

Franco Ciangura ammetta li l-ħarga għal-Malta tista issir iżda fl-opinjoni tiegħu mhux iż-żmien ideali bis-sħana li qed tagħmel bħalissa. Il-Kunsill qabel li din aħjar tiġi posposta għal-Settembru. Franco kompla jgħid li l-Kunsill għandu stedina miftuħa għal-żjara fil-palazz tal-President f'Malta.

Franco issġġerixxa li tiġi organizzata ġurnata għal-anzjani tar-rahal f'Għawdex stess. Il-Kunsill qabel li din hi idea tajba iżda qabel ukoll li jħalli dawn l-attivitajiet għal-wara Settembru.

## 8. Interreg IVC – Green Infranet

Is-Sindku spejga kif huwa u s-Segretarju Eżekuttiv attendew laghqa fi Flevoland mal-*lead partner* biex tispjega aktar il-proġett kif ser jiffunzjona sas-sena 2013. Din il-lagħqa kienet ta' suċċess fejn informawna li l-ewwel sezzjoni ta' diskussjonijiet u *workshops* bejn l-applikanti ser isir mill-12 sa 13 ta' Lulju, fl-Irlanda. Għal-dawn it-tip ta' skambji jridu jattendu s-Segretarju Ezekuttiv bħala l-*project leader* u l-Konsultent fuq dan il-Proġett.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li kif kien miftiehem fil-lagħqa preċidenti, ħarġu żewġ sejħiet għal-offerti relatati ma' dan il-proġett li huma għal-provista ta' servizz ta' konsulent u għal-awditur. L-offerti għalqu fl-4 ta' Lulju, 2012

Servizz ta' Konsultent: 2 offerti; ADI Associates Environmental Consultants Ltd u GMM Business Solutions. Wara l-Kunsill ikkunsidra ż-żewġ applikazzjonijiet, iddeċieda li l-aktar offerta vantaġġjuża hija tal-ADI Associates bir-rata ta' €40 s-siegħa għax-xogħol li jsir f'Malta jew Ghawdex u €475 il-ġurnata għax-xogħol li jsir barra minn Malta, u għalhekk għanda tiġi aċċettata din l-offerta.

Sevizz t'Awditur: 2 Offerti: 3A Accountants u PKF Accountants and business advisers. Il-Kunsill evalwa tajjeb iż-żewg offerti, fejn il-prezz mgħoti min 3A Accountants kien ta' €29.50 s-siegħa u dik tal-PKF kien ta' €29.50 s-siegha, b'zieda ta' €50 għal-kull darba li jsir xogħol f'Għawdex. Il-Kunsill iddeċieda li peress li l-PKF qed jitlob żieda ta' €50 għax-xogħol li jsir f'Għawdex, l-irħas offerta hija dik ta' 3A Accountants, u għalhekk għandha tingħata lilhom l-offerta.

**9. Customare Care**

- Bus stop fit-Triq Sant Antnin – se ssir fil-ġimgħat li ġejjin
- Talba biex tinqala bozza fit-Triq il-Ġnien mir-resident – il-Kunsill approva li jivverifika dan il-każ mar-resident u fil-każ titneħħa.

**10. Materji Ohra**

Franco Ciangura –

- Nistiednu lil xi rappreżentanti mill-Fondazzjoni Arka u mill-Fondazzjoni Inspire għal-laqgħqa tal-għaqdiet. Il-Kunsill qabel ma dan is-suġġeriment
- Drenaġġ fil-bajja tax-Xatt l-Aħmar – is-Sindku qal li kien għamel rapport fuq dan il-każ u ġie solvut.
- Isir poster tal-festa mal-faċċata tal-Kunsill, bħala awguri għal-festa – il-preżenti qablu ma dan.
- Almond Court fit-Triq Malta – problema ta' sanita fil-*pool* tal-komun. Is-SE irrapportat dan il-każ mal-uffiċċju tas-Sanita.
- Searchlight mal-Kunvent tas-sorijiet ta' Lourdes – għadha ma saritx
- Suġġeriment li ssir attivita għal-għotja ta' demm nhar l-4 t'Awwissu 2012, fejn din l-attivita tkun b'kolloborazzjoni mar-Radju Lauretana.
- Issir attivita b'kollaborazzjoni mal-għaqdiet tal-Armar, u Banda fil-Pjazzetta 10 ta' Dicembru – il-Kunsill approva li jsir dan.
- Bin fil-Pjazza Indipendenza – biex jitneħħa min fejn hu preżentament.

Stephen Mercieca

- Bankijiet ta' Triq Malta – lesti mill-kuntrattur, kemm jiġu nstallati fuq il-post.
- Għajnsielem Fest – issir laqgħa nhar il-Hamis, 26 ta Lulju biex tiġi diskussa din l-attivita.

- Il-Ġnien ta' taħt Chambray ma' min jagħmel – Ministeru għal-Ghawdex. Il-Kunsill qabel li jissuġġerixxi lill-MGOZ biex jiġi żviluppat *f'Picnic area.*
- Fontana fil-Pjazzetta 10 ta' Diċembru – biex tiġi tiffunzjona.
- Fanal maħruq fit-Triq Fuq il-Għajn, l-ewwel wieħed – jiġi rrapportat.

Larry Buttgieg

- Isir *patching* bit-*tarmac* fit-Triq Palma.
- Haxix fit-Triq il-Qiegħan – ġie maqtuġħ
- Żvilupp fuq Triq Cordina – is-Sindku żvela li ttieħdu l-livelli tat-triq.
- Website – is-SE stqarret li se titlob lagħqa ma xi *web designer* ħalli jagħti s-suġġerimenti ta' kif trid issir

Francis Cauchi

- Xiri ta' generator għal-uzu ta' Passi biex jittella l-ilma mill-wied għas-somma ta' bejn wieħed u ieħor ta' 500 euro – il-Kunsill approva li dan jinxtara.

**11. Tmiem il-Lagħqa**

Wara li kien hemm qbil li l-lagħqa li jmiss issir nhar l-Hamis, 9 t'Awwissu fis-6.00 pm, is-Sindku ddikjara l-lagħqa magħluqa fit-9.20pm.

Francis Cauchi
Sindku

Amanda Abela
Segretarju Eżekuttiv